# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 70/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Stephen Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Stephen Zahra talli fis-27 ta' Jannar, 2001, ghall-habta ta' l-4.20 p.m., f'San Pawl il-Bahar hebb ghal martu Stacey Jane u kkagunalha griehi ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dott. D. Sciberras M.D. ta' Bugibba;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi George Stephen Zahra hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess George Stephen Zahra, minnu ppresentat fis-16 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-8 ta' Gunju, 2001; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fis-sens li l-prosekuzzjoni qatt ma ressqet lit-tabib jew tobba li rrilaxxjaw iz-zewg certifikati medici ezibiti, u ghalhekk hu ma kienx f'posizzjoni li jaghmlilhom kontro-ezami. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. L-appellant, bhala imputat quddem l-ewwel qorti, dejjem seta' jitlob li jigu mharrka dawn it-tobba bhala xhieda in difeza. Dan ma ghamlux. Peress li dawna t-tobba la gew prodotti bhala xhieda, u anqas gew prodotti mill-prosekuzzjoni l-affidavit taghhom skond is-subartikolu (7) ta' l-Artikolu 646 tal-Kodici Kriminali, ic-certifikati ezibiti a fol. 3 u 4 ta' l-atti ma jaghmlux prova tal-kontenut taghhom. Mill-banda l-ohra ma huwiex korrett dak li donnu qed jippretendi l-appellant, u cioe` li minghajr certifikat jew certifikati

medici ma tistax tipprova a sodisfazzjon tal-qorti li tkun saret offiza fuq il-persuna. Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva diversi drabi, tali certifikati jistghu jkunu mehtiega biex jigi determinat jekk l-offiza hix wahda gravi jew gravissima, jew addirittura jekk kienx hemm offiza (hafifa, gravi jew gravissima); pero` dawn ic-certifikati ma humiex f'kull kaz assolutament mehtiega: il-prova ta' l-offiza u tan-natura ta' tali offiza tista', f'certi kazijiet, issir anke permezz tad-deposizzjoni jew deposizzjonijiet ta' persuni li ma humiex tobba jew paramedici. Fil-kaz in dizamina, l-offiza li l-appellant qed jigi allegat li ghamel fuq martu hija wahda ta' natura hafifa, u allegatament sehhet billi huwa qabadha minn ghonqa, ghafasha u b'dan il-mod weggaghha.

Mill-bqija, l-appellant jikkontendi li kien hemm konflitt ta' provi b'mod tali li l-ewwel qorti qatt ma setghet tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa d-deposizzjonijiet taz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni – Stacey Jane Zahra u Salvino Muscat – kif ukoll ta' l-appellant u hi sodisfatta li l-ewwel qorti kellha provi bizzejjed li a bazi taghhom setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Kwantu ghall-offiza fuq il-persuna taghha, ix-xhud Stacey Jane Zahra tghid li meta l-appellant qabadha minn ghonqa huwa weggaghha, u li ghonqa kien "all red and swollen". Din, fil-fehma tal-Qorti, hi prova sufficjenti li kien hemm offiza ta' natura hafifa.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur